**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Robert Sciberras,** detentur tal-Karta tal-Identità numru 455182M

**Anthony Xuereb,** detentur tal-Karta tal-Identità numru 138676M;

**Salvatore Gemmellaro** detentur tal-Karta tal-Identità numru 148620A;

**Joseph Schembri,** detentur tal-Karta tal-Identità 377427M,

***Każ Nru. 2291/24***

Illum, 3 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati fuq imsemmija u ċioe talli:

> Fil-25 t' April, 2019 għall-ħabta ta' 08:50hrs ġewwa Sante Marie, Triq il-Fjorin, Swieqi:
>
> 1. B'nuqqas ta ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw ħruq jew għamlu xi ħsara jew għarrqu xi ħaġa u minħabba f'hekk Adrian Muscat bata offiża gravi hekk kif iccertifikat minn Mr/Profs Francis X. Saviour Darmanin Fuq il-persuna tiegħu mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Art.328(b) Kap. 9
>
> 2. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta ħila fl-arti tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw ħruq jew għamlu xi ħsara jew għarrqu xi ħaġa u minħabba f'hekk Adrian Muscat bata offiża gravi hekk kif iccertifikat minn Mr/Profs Francis X. Saviour fuq il-persuna tiegħu mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-kodiċi Kriminali. Art.328 (C) Kap.9

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024;

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-26 ta' Marzu, 2024;

Rat l-atti w id-dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

<u>Preliminari</u>

Jiġi mill-ewwel sottolinejat li in linea mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, liema regola ġiet konstantament applikata mill-qrati tagħna, ko-imputat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-imputat ieħor biss wara li l-każ fil-konfront tiegħu jkun ġie definittivament deċiż.[1]

---

[1] Vide **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri**, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani**, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tieghu r-Rev.**

Għalhekk dak li imputat xehed fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri kif ukoll dak li stqarr fl-interrogatorju tiegħu, ma jiswiex bħala prova favur jew kontra l-ko-imputat ieħor.

Ikkunsidrat,

Dan hu każ fejn l-azjenda tal-imputat Schembri, Electrofix, kienet wasslet pannelli biex jiġu installati fir-residenza ta' klijent liema klijent kien inkariga lil ċertu Christopher Micallef sabiex iġib *crane* fuq il-post bl-iskop li jittellgħu l-pannelli fuq il-bejt u wara issir l-installazzjoni. Dik l-istallazzjoni kienet ser issir mill-imputati Gemmellaro u Xuereb.

Il-*crane* wasal fuq il-post u kien qed jiġi operat minn ħaddiem ta' Micallef, l-imputat Robert Sciberras.[2] Hekk kif it-tagħbija kienet qed tittella' fuq il-bejt, waqgħu il-*profiles* u weġġa ċertu Adrian Muscat li wara dan l-inċident, iżda mhux in konnessjoni ma jew kawża tiegħu, ġie nieqes.[3]

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputati Xuereb u Gemmellaro ma kellhom ebda konnessjoni mal-operat tal-*crane* u għalhekk hi ħaġa ta' skantament kif il-prosekuzzjoni, kif immexxija dak iż-żmien meta nbdew dawn il-proċeduri, għażlet li tipproċedi kontra tagħhom meta sa mill-bidu nett dan il-fatt kien manifest.

**Dak id-dixxerniment mistenni mill-awtoritajiet li f'idejhom hi fdata is-setgħa li tressaq persuna w takkużaha b'reati li saħansitra jġorru piena ta' ħabs, fejn minflok tinvestiga u tara li nies innoċenti ma jiġux soġġetti għall-proċeduri penali intortament ġie ghal kollox kalpestat. Mhux sew li biex ma tintrefax responsabbiltà propju minn min hu fid-dover jippreserva l-liġi, fejn nies li *ab initio* jidhru estranji għall-każ, jispiċċaw fuq il-bank tal-imputat, u minflok il-każ jintefa' bħal ballun f'saqajn il-Qrati biex jiddeċiedu huma għandu jieqaf.**

**Tassew wasal iż-żmien sabiex negliġenza bħal din tiġi sanzjonata. Dan l-għemil iqarreb ghal *malicious prosecution*, kunċett li hu ntiż sabiex r-responsabbiltà li trid tiġi eżerċitata minn min għandu l-poter li jwaqqaf ħesrem u intortament ħajjet bniedem, jiġi mrażżan u ċensurat.**

---

**Karmenu Vella**, Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara**, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius**, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et**, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

[2] Xiehda Robert Sciberras 18.06.2024

[3] Vide verbal tat-22 ta' Novembru, 2023

Iktar u iktar tistona dik id-deċiżjoni tal-prosekuzzjoni, kif immexxija dak iż-żmien, meta lanqas biss indenja jressaq bħala xiehda lil dawk li l-evidenza tagħhom kienet tassew il-*best evidence*, il-prova reġina! Dawn kienu iż-żewġ ħaddiema impjegati ta' Sciberras li kienu l-uniċi li kellhom interazzjoni mal-imputat Schembri.

Jirriżulta mill-provi u mix-xiehda ta' Sciberras innifsu li hu kien ħalla f'idejhom sabiex jorbtu t-tagħbija fuq il-*crane*, xi ħaġa **impensabbli, lanqas toħlomha u tmur kontra kull uqija ta buon sens u loġika**.

Dan qed jingħad għaliex hu **minn ewl id-dinja li jispetta esklussivament l-operatur tal-makkinarju, il-*crane*, li jaċċerta ruħu li t-tagħbija ġiet marbuta sew u lil ħadd iżjed**. Sciberras għażel li jippreżenta ċertifikati li għamel kors ta *Mobile Crane Operator* u għaldaqstant ċertament ġie mgħallem li kien hu u hu biss li kellu s-sengħa w r-responsabbiltà li jara li t-tagħbija, qabel ma titmexxa minn post għal iehor hi sigura, kollox ikun marbut sew fejn jiġi evitat riskju kemm għall-operatur kif ukoll għal terzi.

F' kull kors ta' *crane operator* jiġi mħarreġ *f'safety procedures, rigging techniques* u żgur mhux sempliċiment kif iħaddem il-makkinarju per se. Hu ovvju li tħaddim tal-makkinarju hu intrinsikament konness u dipendenti fuq il-materjal li jkun qed jitwassal. Sta għall-operatur li jara li dak il-materjal ma ssirlux ħsara fit-traġitt kif lanqas joħloq periklu għalih, għall-istess makkinarju w mhux anqas għal ħaddiema oħra w terzi.

U kif qatt jista' jkun mod ieħor? Hu tassew insult għal intelligenza ta' kull persuna kif ukoll ta' din il-Qorti li l-imputat bla mistħija jipprova jisposta l-obbligi w r-responsabbiltà tiegħu għal fuq impjegati tal-fornitur tal-pannelli li ma kellhom ebda konnessjoni ma Micallef li kien jaħdem miegħu Sciberras! Lkoll xi darba jew oħra għamilna użu minn *cranes, cherry pickers* jew *fork lifters* biex iwasslulna materjal u lkoll esperjenzajna li hu l-operatur li jieħu ħsieb jara li t-tagħbija tiġi reża sigura biex titmexxa minn post għall-ieħor issir minnu!

Li kieku kien mod iehor xi ħtieġa hemm li jsiru korsijiet u taħriġ bħal ma kellu jagħmel hu stess kif esebixxa ċ-ċertifikati relattivi ta' PDTM u ta *Mobile Crane Operator!*

Mhux biss! Kif intqal Sciberras ippreżenta ċertifikati li juru li attenda għall-korsijiet ta' PDTM u ta' *Mobile Crane Operator.*

Dawn il-korsijiet fil-fatt jipprovdu taħriġ, *inter alia*, fuq kif għandha titgħabba tagħbija biex jiġu evitati riskji w perikli. Ftit eżempji ta *course descriptions* ukoll ikomplu jiżmentixxu l-ħrafa li jittenta jinseġ l-imputat Sciberras:

**Course Overview**

As per local OHSA regulations You need to be qualified so as to operate a Mobile Plant. The PDTM course provides candidates with theory and hands-on training to operate a Mobile Crane safely. Our course is designed to enrich the crane operator's knowledge, skill and proficiency.

**On completion of this Mobile Crane training course the learners will;**

- How to operate the crane safely
- How to recognize and respond to crane signals accurately
- Read and understand load charts
- Understand and set up the crane reeving system
- Be able to correctly position the crane and set up the outriggers for a lift
- Competently alter jib lengths and associated safety devices
- Carry out routine plant maintenance and minor adjustment
- Recognise and apply the principles of safe slinging and **balancing a load**
- **Effects of shock loading on structural strength, stability and load-displacement**[4]

L-Institute of Health and Safety, ibbażat f'Santa Venera, ukoll joffri korsijiet ta' taħriġ għal *crane operators:*[5]

**Objectives:** By the end of the course candidates should be able to;

• Understand why lifting operations may be considered high-risk activities
• Understand how the law impacts upon lifting operations with respect to operators and their employers
• Make the necessary preparations for safe lifting operations
• Understand how load charts and lift plans are used
• Understand the roles of other personnel involved in lifting

**Contents:**

● Hazards associated with lifting operations
● Legal considerations
● Roles and responsibilities
● Certification of cranes and lifting equipment
● **Safety precautions to be taken before lifting operations begin**
● **Safety during lifting operations**
● Pre and Post operation checks on the crane and the surrounding area
● Load Charts & Lift plans. ....

Iktar u iktar ma tagħmilx sens il-linja difensjonali ta' Sciberras meta *ex admissis* jgħid dan dwar il-ħaddiema li skond hu kellhom l-obbligu jorbtu t-tagħbija sew:

*"Xhud: Jiena bil-crane jkolli nies jorbtu u nies iħollu minn fuq il-bejt jew fejn ikun.*
*Avukat: Jigifieri kont ittella l-materjal*

[4] Award in Operating a Mobile Crane – Professional Driver Training Malta – PDTM
https://pdtm.mt/courses/award-in-operating-a-mobile-crane/
[5] https://ihs.com.mt/wp-content/uploads/2016/04/CraneDES0616.pdf
Vide ukoll: https://soteria.com.mt/courses/crane-operator/;
Mobile_Crane_Operator_Level_3.pdf;
Mobile_Crane_Operator_Level_4.pdf

*Xhud: Iva kont intellghalhom il-materjal ghal fuq.*
*Avukat: U l-materjal kif kien jintrabat?*
*Xhud:* ***Hemm teknika apposta kif għandu jintrabat****. Gieli jien nipprovdilhom ic-cineg jew il-ktajjen u b' li jkun hemm bzonn dejjem jorbtu u jiena nnewwel ix-xoghol fejn ikun hemm bzonn.*
*Avukat: U kif kienu jorbtu imma?*
*Xhud: Billi jdawwru c-cinga hekk*
*Avukat: Inti trid tfiehem ghax qed tigi rrekordjat.*
*Xhud: Billi jghaddu c-cinga jikkorssjawha sewwa minn gewwa u jqabbduha mal-ganc tal-crane.*
*Avukat: U inti kif kont tkun taf illi x-xoghol kien marbut u leta biex ittellghu?*
*Xhud: Billi min ikun qed jorbot jara li jkun intrabat sew, jaghmilli s-sinjal u nibda nerfa bil-mod.*
*Avukat: U s-sinjal kif kien jaghmillek?*
*Xhud: Billi jgholli jdejh il-fuq hekk, idawwar idu u nkun naf li lest u nibda nerfa bil-mod."*

L-ewwel punt li trid tissottolineja l-Qorti dwar din it-testimonjanza hu kif l-imputat jitkellem b'mod ġenerali, qisu din hi l-prassi adoperata minnu f'kull każ u mhux dwar dak li seħħ dakinhar tas-sinistru.

Jekk dan hu minnu, l-awtoritajiet għandhom tassew jikkunsidraw jirtiraw il-permessi ossia kull awtorizzazzjoni mogħtija lill-imputat biex jitwaqqaf milli jissokta 'dan l-għemil azzardat u perikoluż li jikkozza serjament mal-liġijiet u regolamenti viġenti li ser issir riferenza għalihom aktar l-quddiem.

Ma ħarbitx lil Qorti kif min din l-ewwel silta tax-xiehda tiegħu Sciberras mill-ewwel jiżloq fin-nixef meta jikkonferma li meta tiġi biex torbot it-tagħbija ***"Hemm teknika apposta kif għandu jintrabat".*** Hekk hu! Għalhekk wieħed jiġi mħarreġ fil-mestier biex jipprattika din is-sengħa!

Ix-xiehda tiegħu imbagħad tkompli tissiġilla l-każ tal-prosekuzzjoni:

*"Avukat: Issa dakinhar tal-incident inti fi x' hin kont fuq il-post?*
*Xhud: Xi s-sebgha u nofs ta' filghodu.*
*Avukat: U dakinhar min kien hemm mieghek fuq il-post?*
*Xhud: Kelli l-kumpanija Electrofix kien hemm erba` haddiema, tnejn jorbtu isfel u tnejn ihollu fuq il-bejt.*
*vukat: U bhala pozizzjoni ta' kif kienu l-affarijiet mela inti kont bil-crane, ghidtilna li kien hemm tnejn qeghdin jorbtu l-materjal u kien hemm tnejn fuq il-bejt biex iholluh. Issa spjegalna l-pozizzjoni ta' dawn it-tlett postijiet kif kienu. Spjegalna.*
*Xhud: Mela dawk li kienu qed jorbtu kienu fuq ix-xellug tieghi, jien kont armat go nofs il-binja u kien hemm tnejn ohra fuq il-bejt ihollu.*
*Avukat: Issa malli gejtu biex tibdew dakinhar sewwa spjegalna x' interazzjoni kien hemm bejnek u l-haddiema l-ohra.*
*Xhud: Inzilt mill-crane u* ***wrejthom kif ghandhom jorbtu****.*

*Avukat: "Urejthom kif ghandhom jorbtu." Ghal xiex hassejt il-bzonn li taghmilha?*
*Xhud: Ghax* ***wiehed minnhom ghamilli sinjal bhal speci ma kienx jaf jorbot allura nzilt***
*Qorti: Ghamillek sinjal, spjega.*
*Xhud:* ***Ghamilli sinjal b' idu speci: "Jimporta turini kif." Inzilt, urejtu u rgajt mort lura fil-crane jiena.***
*Qorti: Jigifieri meta tghid 'urejtu'*
*Xhud:* ***Urejtu kif għandu jorbot****.*
*Qorti: Irbattu int?*
*Xhud:* ***Urejtu kif. Iva wrejtu kif.***
*Qorti: La darba inti rbatthom seta` jkompli x-xoghol jew kien qed jaghmel xi haga ohra hu fuq?*
*Xhud: Le, le.* ***Rani kif***
*Qorti: Pero rbattu inti.*
*Xhud:* ***Irbattu jiena l-ewwel xoghol iva****.*
*Avukat: U b' kollox sal-hin illi sehh l-incident kemm il-darba ntrabat ix-xoghol u tiehdu fuq l-bejt jinhall, terga tmur u jergghu jorbtuh huma u jinhall, kemm il-darba kien hemm?*
*Xhud: Presso o pocho tmien darbiet.*
*Qorti: Wara li rbattu inti l-ewwel darba min rabtu mbaghad?*
*Xhud: Huma*
*Qorti: Jigifieri inti l-ewwel wahda biss rbatt?*
*Xhud:* ***Iva, iva w imbaghad rabtuh huma****."*[6]

Mela b'din l-ammissjoni minn tiegħu l-imputat jikkonferma li hu iddelega dak li kien xogħlu, kif mgħallem u kif ittħareġ fil-korsijiet li għamel, lil persuni li ma kellhom ebda ideja kif jintrabat ix-xogħol!!

Kif qatt seta jiddelega operat li hu stess jiddikjara li kellu jsegwi korsijiet ta' tlieta u ħamsin (35) siegħa biex ikun f'pożizzjoni jopera *crane*??

Anke jekk għall grazzja tal-argument din il-Qorti kienet ser temmnu – xi ħaġa li <u>addirittura qed tiġi eskluża</u> – minn imkien ma jirriżulta li dan xi ħin waqaf isaqsihom xi kwalifiki kellhom biex jużaw l-makkinarju tiegħu! Wara kollox tagħbija mhux marbuta sew tista' tikkawża ħsarat u danni lill-istess makkinarju biex ma jingħad xejn li tipperikola ħajjet l-operatur innifsu.

Fis-sewwa jingħad li l-ispjegazzjoni li jittenta jagħti Sciberras m' għandiex mis-sewwa!

[6] Xiehda 18.06.2024

Ġurisprudenza

Fil-proċediment **Il-Pulizija vs. Norbert Grixti,** fejn il-konsiderazzjonijiet hemm magħmulha li jittrattaw offiżi involontarji japplikaw anke għall-ħsara involontarja, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:[7]

> Illi b'riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gatt** (Numru 209/2019), liema sentenza għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech** (per Imħallef V. De Gaetano) li ġiet mogħtija fil-21 ta' Marzu 1996 fejn ingħad hekk:
>
> "jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta."
>
> Illi sentenza oħra li kkunsidrat l-elementi ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (liema artikolu għandu x'jaqsam ma' Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** (per Imħallef Dr. J. Flores) li ġiet mogħtija fl-4 ta' Frar 1961 fejn ingħad hekk:
>
> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodiċi Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew nuqqas ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – <u>li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involontarju</u>.
>
> Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, ċioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali; kriterju dan li, filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret. *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione"* (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II 27. P.46)." [emfażi miżjuda]
>
> Illi minn naħa l-oħra fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020 flismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Cortis** (Numru 317/2017), din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għal sentenza oħra u qalet hekk:

[7] Per Onor Imħallef Dr. Neville Camilleri. Seduta 13 ta' Lulju, 2023. Appell Numru 606/2016/1

"Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Mustafa Gohar** il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar l-20 ta' Novembru 2004 kienet stqarret is-segwenti:-

"[...]

Meta si tratta ta' *colpa* huwa mportanti li jiġu ppruvat in-*nexus* li għandu jeżisti bejn l-att u rriżultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirriżulta *chain of causation* bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti li jista' jirriżulta *culpa*. Kif ġie deċiż nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Salvatore Camilleri** per Imħallef Harding li: *"Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist." Fil-fatt ikompli jgħid: "The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession <u>but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations</u>.""* [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** et sar eżami approfondit tad-dottrina u ġurisprudenza fuq dan issuġġett u ntqal hekk:

"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attivita' dirett għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippregudikati linteressi ta' terzi. [...]

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u nonosservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u diskortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali, ċioè, kif jgħid il-Manzini: *"inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorità' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi, ċioè, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni [...].

Taħt dawn il-forom ta' kondotta kolpuża sia minħabba imprudenza, negliġenza, u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa' essenzjali taħt kull forma ta' kulpa, iżda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuża, iżda għandha gradi differenti f'kull każ ta' imprudenza, negliġenza u imperizja, mentre hija preżunta fil-forma l-oħra fejn si tratta ta' reati minħabba non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-aġent li jressaq prova għal kuntrarju. Hija hawnhekk preżunzjoni assoluta. Ma jistgħax l-aġent jgħid li dak l-event dannuż li ġara minħabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tiegħu ta' xi regolament ma kienx wieħed prevedibbli għalih. Kif jgħidu diversi awturi, dan hu każ fejn dan l-element talprevedibilita' tal-leġislatur qed jissosstitwixxi dik

ta' l-aġent. Hu preċiżament għalhekk li kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali."

Kif jispjega l-ġurista Taljan **Francesco Antolisei** (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323): biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għall-konsegwenzi dannużi lil terzi. Il-komuni jew l-esperjenza teknika, ċioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik lesperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari, tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati.

Fil-fatt jgħid hekk:

*"Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate.*

*L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, é la conseguenza caratteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) Nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri** iddikjarat:[8]

In succint fuq skorta ta' awturi u ġurisprudenza, t-trepod tal-kolpa ġie definit bħala:

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.[9]

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminologija culpa, għalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)".[10][sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

[8] Per Onor Imħallef Dr. Edwina Grima, Seduta 28.02.2018; Appeal No.89/2017

[9] **Carrara, Parte Generale, Vol.I**

[10] **Il-Pulizija v Leonard Grech** Qorti tal-Appell Kriminali, Seduta 5 ta' Settembru, 1990

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jgħid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tiegħu, jgħid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable". [sottolinejar ta' din il-Qorti]

L-**Antolisei**, iżda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara[11] u t-tejorija tal-prevedibbilita' ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

> "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."

Awturi ohra bhal **Mantovani** u il-**Padovani** jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;
2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;
3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;
4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.[12]

**Brusa** jikteb hekk dwar it-teorija tal-prevedibbilità:[13]

> La ommissione volontaria della diliġenza necessaria per preveder e prevenire un evento penalmente antigiuridico, possibile, prevedibilie e prevenibile.

---

[11] Fil-**Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)** jikteb:
Secondo la dottrina tradizionale che vanta oriġini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibbilità del risultato non voluto.
Imbagħad b'riferenza ghal **Carrara** jżid:
"Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria ommissione di diliġenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del propio fatto [§80; **Programma Del Corso Di Diritto Criminale, Parte Generale**, Vol.I]. Dicesi conseguenza prevedibile, perche l'essenza della colpa sta nella prevedibbilità.
[12] https://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa
[13] **Saggio di una dottrina generale del reato** (1884), p.90

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Sammut** il-Qorti tal-Appell eżaminat *funditus* in-nozzjoni tal-*culpa*:[14]

> Issa, ghalkemm din l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal-każ, inklux mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu, ma jistax pero` jinghad li ghax xi hadd messu ragjonevolment kif[15] jaf xi haga allura necessarjament isegwi li dak li jkun kien jaf dik ix-xi haga. Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) ġie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> **"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tiegħu *The Criminal Law of Scotland*[16] :**
>
> **""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[17]**
>
> **"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[18]u li għalhekk hu tista' tgħid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jgħid hekk:**
>
> **""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused**

[14] S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano; Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009; Appell Kriminali Numru. 192/2008

[15] *Recte* "kien"

[16] W. Green and Son Ltd. (Edinburgh), 1978

[17] Para. 7.28, pp. 232-233.

[18] Para. 7.45, p. 241; *"…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."*

**can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[19] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[20]**

Ara wkoll f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**.

Kif mgħallem għalhekk il-culpa tista' tirriżulta wkoll meta kien hemm nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. M'hemmx dubbju li Robert Sciberras naqas milli josserva għadd ġmielu ta' regolamenti li jfasslu l-qafas legali dwar l-operat ta. makkinarju bħal *crane:*

Regolamentazzjoni tas-Settur

L-Avviż Legali 293 tal-2016 (illum S.L. 424.35), jipprovdi għar-***Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà)*** jipprovdu l-kwadru leġislattiv li operaturi[21] ta' makkinarju fosthom *cranes,* għandhom josservaw u jsegwu.

Ir-regolament 2.9 tat-Tielet Skeda intestata *'Aċċessorji u Makkinarju li Jintuża għall-Irfigħ'* jiġi spjegat li:

---

[19] Hall, J., **General Principles of Criminal Law** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

[20] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

[21] Fir-regolament 2 'operatur' jingħata s-segwenti tifsira:

"operatur" tfisser il-ħaddiem jew ħaddiema mogħtija l-biċċa xogħol li jużaw l-apparat tax-xogħol;

2.9. F'dan ir-regolament "magna li tintuża għall-irfigħ" tinkludi, iżda mhux ristretta għal, kull tip ta' *crane*, grabja, winċ, gruwa, blokka tat-tarjola, rota tal-parank, trasportatur, korsa tal-ħadid mnejn jgħaddi l-*crane*, scissor lift, overhead *crane*, tower basket, apparat li jtella' l-vetturi, mobile elevated working platform,trakk li jtella' bil-frieket (fork lift truck), pjattaformi u gaġeġ li jtellgħu, ħojst mingħajr gaġġa jew pjattaforma u gwidi, u l-aċċessorji tagħhom.

Fil-fatt qari ta' dawn ir-regolamenti juru biċ-ċar li dawn huma **indirizzati lil sidien u operaturi ta' makkinarju *inter alia* krejnijiet.** Li tipprova tisposta dan l-obbligu fuq terzi kif irid jagħmel l-imputat Sciberras, ma jagħmel l-ebda sens legali; kwalunkwe interpretazzjoni oħra tikkozza mas-sens komun, mar-raġuni u maċ-ċertezza legali li kull att leġislattiv jindirizza bid-dispożizzjonijiet tiegħu!

AĊĊESSORJI U MAKKINARJU LI JINTUŻA GĦALL-IRFIGĦ

1. Aċċessorji għall-irfigħ

1.1. Dawn id-disposizzjonijiet għandhom jitħarsu għar-rigward ta' kull katina, ħabel jew parank li jkunu użati sabiex jittellgħu jew jitniżżlu nies, oġġetti jew materjali:

(a) ebda katina, ħabel jew parank ma għandu jintuża jekk dan ma jkunx ta' għamla tajba, materjal solidu, ikollu saħħa biżżejjed u jkun ħieles minn xi difett privattiv;

(b) bla ħsara għall-paragrafu 1.2, għandu jkun hemm tabella li turi l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż ta' kull xorta u qies ta' katina,ħabel jew parank li jkunu qed jintużaw, u, fil-każ ta' braga, l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż meta s-saqajn ikunu mqegħdin f'angoli differenti, liema tabella għandha titwaħħal fil-post fejn jinżammu l-ktajjen, ħbula jew parank u f'pożizzjonijiet prominenti fil-fond tax-xogħol, u ma għandhomx jintużaw ebda katina, ħabel jewparank li ma jkunux hekk indika ti fit-tabella;

(ċ) ebda katina, ħabel jew parank ma għandhom jintużaw għal xi piż li jkun jaqbeż l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż kif muri fit-tabella msemmija fis-subparagrafu (b) jew kif indikat bħalma hu msemmi fil-paragrafu 1.2;

(d) il-ktajjen, ħbula u parank kollha li jkunu qed jintużaw għandhom ikunu eżaminati sew minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull sitt xhurjew f'dawk il-perjodi aktar twal li jistgħu jiġu stipulati;

(e) ebda katina, ħabel jew parank, minbarra ħabel tal-fibra jew braga tal-fibra, ma għandhom jitpoġġew ġewwa post tax-xogħol għall-użu għall-ewwel darba f'dak il-post tax-xogħol ħlief jekk dawn ma jkunux ġew ippruvati w eżaminati sew minn persuna kompetenti, u jkun inħareġ ċertifikat tal-prova u tal-eżami li jkun jispeċifika l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż li jkun ġie ffirmat minn min ikun għamel il-prova u l-eżami, u dan iċ-ċertifikat jinżamm disponibbli biex jiġi spezzjonat;

(f) għandu jinżamm reġistru li jitniżżlu fih il-partikolaritajiet kollha stipulati għar-rigward ta' dawk il-ktajjen, ħbula jew paranki, ħlief għall-bragi tal-fibra.

1.2. Il-paragrafu 1.1(b) ma jgħoddx għar-rigward ta' xi parank, jekk l-akbar piżli jinfelaħ b'mod mhux perikoluż tiegħu, jew, fil-każ ta' braga, l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż meta s-saqajn ikunu mqeghdin f 'angoli differenti, huwaindikat biċ-ċar fuqhom.1.3. F'dan ir-regolament, "parank" tinkludi, iżda mhux ristretta għal, bragi tal-ktajjen u tal-ħbula, anelli, ganċijiet, xkiel u buzzelli.

2.2. ......

Kull sid jew min iħaddem għandu jiżgura li kull tiswija, tiġdid jew alterazzjonijiet fuq il-magna li tintuża għall-irfigħ jew fuq l-aċċessorji tagħha skont m'huma dikjarati mill-persuna kompetenti biex tintuża mingħajr periklu, għandhom isiru minnufih jew fiż-żmien indikat fir-rapport tal-persuna kompetenti, skond il-każ.

2.4. Għandu jkun hemm indikat ċar fuq kull magna li tintuża għall-irfigħ l-akbar piż jew piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż, ħlief li fil-każ ta' *crane* bil-jib lijkun hekk magħmul li l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż jista' jiġi varjat bit-tlugħ jew inżul tal-jib tiegħu, jew moviment tal-karru, dan għandu jkollu mwaħħal miegħu indikatur awtomatiku li juri l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż jew tabella li tkun turi l-akbar piżijiet li jinfelħu mingħajr periklu f'inklinazjonijiet korrispondenti tal-jib jew raġġi korrispondenti tal-piż.

2.5. Ebda magna li tintuża għall-irfigħ ma għandha, ħlief għall-għan ta' xi prova,tkun mgħobbija b'piż akbar minn dak li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż kif muri jew indikat fil-paragrafu 2.4.

2.6. Ebda makna li tintuża għall-irfigħ ma għandha tittieħed għall-użu ġewwa post tax-xogħol għall-ewwel darba f'dak il-post tax-xogħol jekk ma tkunx ġiet ippruvata u jekk dawk il-biċċiet kollha u l-makkinarju kollu tal-magna imsemmijin fil-paragrafu 2.1 ma jkunux ġew eżaminati sew minn persuna kompetenti u jkun inħareġ ċertifikat tal-prova u tal-eżami li jispeċifika l-akbar piż jew piżijiet li jinfelħu mill-magna b'mod mhux perikoluż li jkun iffirmat minn min ikun għamel il-prova u l-eżami, u dan iċ-ċertifikat ikun disponibbli biex jiġi spezzjonat.

......

2.8. Meta wieħed ikun impjegat jew qiegħed jaħdem f'imkien 'il fuq mill-livell tal-art fejn ikun jista' jintlaqat minn *crane* li jiddendel minn fuq, jew minn xi tagħbija li jkun qed tinġarr minn dan il-*crane*, għandhom jittieħdu miżuri effettivi sabiex huwa jiġi avżat bir-resqien lejh tal-*crane*, ħlief jekk xogħolu huwa daqstant konness jew jiddependi miċ-ċaqlieq tal-*crane* li ma jkunx meħtieġ li jingħata avviż bħal dan.

Imbagħad fl-Ewwel Skeda jinstabu aktar regolamenti li huma **indirizzati biss lil operaturi** tal-makkinarju:

2. Ħtiġiet minimi ġenerali applikabbli għal apparat tax-xogħol

2.1. L-apparat tax-xogħol għandu jkun stallat, lokalizzat u użat b'tali mod li jkunu ridotti r-riskji lill-utenti tal-apparat tax-xogħol kif ukoll għall-ħaddiema l-oħra, per eżempju billi jiġi żgurat li jkun hemm spazju biżżejjed bejn il-partijiet li jiċċaqilqu tal-apparat tax-xogħol u dawk fissi jew li jiċċaqilqu fl-ambjent tiegħu u lil-forom kollha tal-enerġija u s-sustanzi użati jew prodotti jkunu jistgħu jiġu fornuti u, jew imneħħija mingħajr periklu.

2.2. L-apparat tax-xogħol għandu jkun imwaqqaf jew żarmat taħt kondizzjonijiet bla periklu, partikolarment billi jkunu osservati l-istruzzjonijiet kollha li jistgħu jkunu fornuti mill-fabbrikant.
....

2.4. Strumenti tal-kontroll tal-apparat tax-xogħol li jolqtu s-sigurtà għandhom ikunu jidhru sewwa u jkunu identifikabbli u fejn hemm bżonn, jiġu mmarkati sewwa.

Minbarra fejn ikun hemm bżonn għal ċerti strumenti tal-kontroll, strumenti tal-kontroll għandhom ikunu allokati barra ż-żoni tal-perikolu u b'tali mod li l-operazzjoni tagħhom ma tikkawżax periklu addizzjonali. Ma għandhomx iwasslu għal xi periklu bħala riżultat ta' xi operazzjoni mhux intenzjonata.Jekk ikun hemm bżonn, mill-pożizzjoni ewlenija tal-kontroll, l-operatur għandu jkun jista' jiżgura li ebda persuna ma tkun preżenti fiż-żoni perikolużi.

Jekk dan ikun impossibbli, sistema sigura, bħal dik ta' sinjal tal-avviż li jinstema' u, jew li jidher,għandha tingħata awtomatikament kull meta l-makkinarju jkun ser jiġi startjat.Ħaddiem espost għandu jkollu ħin biżżejjed u, jew il-mezzi biex jevita malajr il-perikli kkawżati mill-istartjar u, jew it-tifi tal-apparat tax-xogħol.

Sistemi ta' kontroll għandhom ikunu siguri u għandhom jintgħażlu b'mod li jittieħdu f'konsiderazzjoni l-ħsarat, difetti u limitazzjonijiet li huma mistennija fiċ-ċirkostanzi ppjanati ta' użu.

2.5. Għandu jkun possibbli li l-apparat tax-xogħol ikun startjat b'azzjoni deliberata fuq kontroll ipprovdut għal tal-apposta.L-istess għandu japplika:- biex dan ikun startjat mill-ġdid wara xi waqfien għal liema raġuni tkun għall-kontroll ta' bdil sinifikanti fil-kondizzjonijiet tal-operazzjoni (pereżempju, veloċità, pressjoni, eċċ.),sakemm tali startjar mill-ġdid ma jassoġġettax lill-ħaddiema li jkunu esposti għal xi periklu.

2.6. L-apparat tax-xogħol kollu għandu jkun armat b'kontroll biex iwaqqfu kompletament u b'sigurtà. Kull stazzjon tax-xogħol għandu jkun armat b'kontroll biex iwaqqaf l-apparat tax-xogħol parzjalment jew kollu kemm hu, skond it-tip ta'periklu, sabiex l-apparat ikun fi stat sigur. Il-kontroll tal-waqfien tal-apparat għandu jkollu prijorità fuq il-kontroll tal-istartjar. Meta l-apparat tax-xogħol jew il-partijiet perikolużi tiegħu jkunu waqfu, il-forniment ta' enerġija lill-attivaturi tal-apparat għandu jintefa'.

2.7. Meta jkun hekk adatt, u jiddependi mill-perikli li jippreżenta l-apparat u l-ħin tal-waqfien normali tiegħu, l-apparat tax-xogħol għandu jkun armat bi strument ta' waqfien ta' emerġenza.

2.8. Apparat tax-xogħol li jippreżenta riskju dovut għal oġġetti jew projezzjonijiet li jistgħu jaqgħu għandu jkun armat bi strumenti ta' sigurtà adatti skont ir-riskju.

......

4.2. Apparat tax-xogħol li jkunu mobbli jew li jista' jkun maħtut u li kien iddisinjat biex jerfa' t-tagħbijiet għandu jintuża b'tali mod li jiżgura l-istabbilità tal-apparat tax-xogħol waqt l-użu taħt kondizzjonijiet prevedibbli, waqt li tingħata konsiderazzjoni għan-natura tal-art.

4.5. L-aċċessorji tal-irfigħ għandhom jintgħażlu skont il-funzjoni tat-tagħbijiet li jkunu ser jiġu mmaniġġati, il-punti tal-qbid, iċ-ċimi ta' attakkament u l-kondizzjonijiet atmosferiċi waqt li jitqiesu l-mod u l-konfigurazzjoni tal-irbit. Iċ-ċimi tal-aċċessorji tal-irfigħ għandhom ikunu mmarkati

sewwa sabiex l-utenti jkunu jafu sewwa l-karatteristiċi tagħhom meta dawk iċ-ċimi ma jiżżarmawx wara l-użu.

4.6. L-aċċessorji tal-irfigħ għandhom ikunu maħżuna b'tali mod li ma tiġrilhomx ħsara u lanqas jitgħarrqu.

........
4.9. Meta jintuża apparat tax-xogħol mobbli għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati, għandhom jittieħdu miżuri biex ikun evitat li l-apparat imil, jinqaleb jew,jekk ikun meħtieġ, jimxi jew jiżloq. Għandu jsir iċċekkjar biex jiżgura li dawn il-miżuri isiru kif imiss.

4.10. Jekk operatur tal-apparat tax-xogħol iddisinjat għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati ma jkunx jista' josserva il-firxa kollha tat-tagħbija jew direttament jew b'mezzi ta' apparat awżiljarji li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, persuna kompetenti għandha tkun f'komunikazzjoni mal-operatur biex tiggwidah ugħandhom jittieħdu miżuri organizzattivi biex ikunu evitati ħabtiet tat-tagħbija li jistgħu jipperikolaw lill-ħaddiema

4.11. Ix-xogħol għandu jkun organizzat b'tali mod li meta ħaddiem ikun qed jorbot jew iħoll tagħbija b'idejh, dan ikun jista' jsir b'mod bla periklu, partikolarment permezz tal-ħaddiem li jżomm kontroll dirett jew indirett ta' l-apparat tax-xogħol.

4.12. L-operazzjonijiet kollha tal-irfigħ għandhom ikunu ppjanati sewwa, sorveljati sew u jsiru hekk li jipproteġu s-sigurtà tal-ħaddiema. B'mod partikolari, jekk tagħbija jkollha tiġi merfugħa minn żewġ mezzi jew aktar ta' apparat tax-xogħol għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati fl-istess ħin, għandha tkun stabbilita u applikata proċedura li tiżgura kordinazzjoni tajba min-naħa tal-operaturi.

4.13. Jekk l-apparat tax-xogħol iddisinjat għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati ma jkunx jista' jżomm il-ħatfa tiegħu fuq it-tagħbija f'każ ta' qtugħ parzjali jew komplet tal-enerġija, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex tkun evita tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji riżultanti.Tagħbijiet imdendla ma għandhomx jitħallew mingħajr għassa sakemm l-aċċess għall-inħawi perikolużi ma jkunx ipprojbit u t-tagħbija ma tkunx imdendla b'mod sigur u tkun ukoll miżmuma b'mod sigur.

Qari ta' dawn ir-regolamenti ma jħallu ebda dubbju li dawn huma indirizzati lis-sidien u operaturi tal-makkinarju li jkun qed jiġi operat!

Jekk Sciberras dehrlu li kellu bżonn persuni kompetenti biex jassistuh fuq xogħlu seta' jitlob li jkun hekk mgħejjun u kien fi dmir li ma jissoktax b'xogħlu sakemm ikun assistit propju minn nies kompetenti u mħarrġa. Tajjeb jingħad li jeżistu korsijiet għal *assistant crane operators*[22] tant kemm il-leġislatur ried jirregola dan is-settur bżonnjuż iżda daqstant iehor mhux nieqes mir-riskji li jirriżultaw f'kull lant tax-xogħol!

[22] Assistant_Mobile_Crane_Operator.pdf
https://mfmac.org/wp-content/uploads/2023/06/Assistant_Mobile_Crane_Operator.pdf

Konklużjoni

M'hemmx dubbju li fuq skorta tal-ġurisprudenza appena enunċjata, l-imputat Sciberras aġixxa bi traskuraġni, b' negliġenza u b'non-osservanza ta' regolamenti magħmulha taħt l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, li saret riferenza għalihom aktar il-fuq, meta iddelega dak li kien kompitu w responsabbiltà tiegħu fejn b'konsegwenza għelbet tagħbija li ma ġietx marbuta sew hi u tittella' minnu fejn b'konsegwenza weġġa bniedem.

Sciberras altru li abdika mid-doveri u responsabiltà tiegħu bħala operatur tal-*crane* meta tefa fuq nies bla esperjenza x-xogħol ta rbit tat-tagħbija, xogħol li hu tħarreġ fuqu w li kien jispetta biss lilu! Altru kien konxju tal-inesperjenza tagħhom meta kienu huma li talbuh jurihom x'kellhom jagħmlu w meta, fi kliemu stess, qalulu w wrewh li ma kienux jafu x'kien mistenni minnu! Iktar minn hekk kellu jkun hu li jara li dak li ġie mgħobbi kien sigur u ma jazzardax jibda jtella l-istess tagħbija qabel ma aċċerta ruħu li l-irbit sar skond is-sengħa u l-arti li hu, bħala persuna tal-mestier, kien mħarreġ fih.

Imma iċ-ċirasa ta' fuq il-kejk li tiżvela l-menefregiżmu tiegħu biex ma jingħad xejn dwar il-kolpevolezza tiegħu, hu l-fatt li minflok baqa' fuq il-post wara li seħħ is-sinistru malajr dabbar rasu l'hemm!!

Il-Ġrieħi

Kif tajjeb ssollevat d-difiza tal-imputat Sciberras, f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda prova awtentikata dwar il-ġrieħi mġarrba minn id-defunt Adrian Muscat.

Madankollu hu paċifiku li Qorti tista' tasal hi li tiddetermina n-natura tal-ġrieħi. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Garrett,** il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat: [23]

> Issa l-ewwel aggravju huwa dwar in-natura tal-ġrieħi. L-appellant issottometta li l-ġrieħi ma damux u allura ma jistgħux jitqiesu ġrieħi li jaqgħu taħt l-artikolu 216 tal-Kap 9. Iżda l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Filfatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1998 fil-każ **'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana'** qalet hekk:
>
> *'Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ ( jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija*

[23] Per Onor. Imħallef Dr. Lawrence Quintano, App. No. 169/2011. Dec.14/05/2012.

*dispożizzjoni. Il-permanenza ta l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa 'offiża gravivissima' skont l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kap 9.'*

Għal dak li huwa sfreġju jew mankament, il-Qorti qed tagħmel referenza għall-każ '**Il-Pulizija versus Paul Spagnol'** tat-12 ta' Settembru 1996 (Volume LXXX) fejn intqal hekk:

*'B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir filregolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skoloramenț tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, għalkemm it-telf ta 'ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu iħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*[24]

U għall-kompletezza l-Qorti qed tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ '**Il-Pulizija vs Generoso Sammut'** tat-2 t'Awissu 1999 dwar l-offiża fuq il-persuna:

*'Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibaqa' xu dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża.'*[25]

Għall-fatti ta' dan il-każ huwa relevanti l-artikolu 216(1)(a)(b) tal-Kap 9. B'mod partikolari is-subinċiż (b) –
'jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż'.

Fil-fehma tal-Qorti l-ksur tal-imnieħer (ara ritratti) kif ukoll il-laċerazzjoni jistgħu faċilment jitqiesu kemm sfreġju kif ukoll mankament. Anzi, xkont ix-xhieda tat-tabib Martin Camilleri, il-laċerazzjoni setgħet tħalli traċċi permanenti. Id-difiża tinsisti li m'hemmx prova li l-isfreġju jew mankamant dam għal tletin ġurnata jew iżjed. Bir-rispett kollu, kif sewwa spjegat il-Qorti fil-każ 'Il-Pulizija versus Spagnol', dan it-tul ta' żmien mhux rikjest mil-liġi fissubinċiżi li għalihom qed issir referenza. Din l-idea żbaljata qed tirriżulta minħabba li s-subparagrafu (d) jsemmi t-tul ta' żmien iżda dan is-subpragrafu huwa indipendenti u għandu jitqies għalih u qatt ma jista' jew għandu jinqara bħala xi kwalifika għas-subparagrafi preċedenti.

F'dan il-każ hemm mankanti l-*case summary* jew *patient history* mill-Isptar Mater Dei. Il-Qorti fuq gwida tal-ġurisprudenza appena setgħet tasal għan-natura tal-ġrieħi mġarrba kieku il-*patient history* ġiet esibita. Iktar minn hekk l-Qorti tinnota li d-data tal-eżami ta' Muscat mill-Kirurgu Mr. Francis X. Darmanin saret aktar minn sentejn wara li seħħ is-sinistru u propju f'Settembru 2021 meta s-sinistru seħħ f'April, 2019.

---

24 Vol. LXXXII. 1998 Parti IV, Paġna 109

25 Vol. LXXXIII.1999.Pt.IV, Paġna 365

Għaldaqstant il-Qorti m'għandhiex dik iċ-ċertezza morali li n-natura tal-ġrieħi riskontrati minn Mr. Darmanin tassew kienu konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fl-istqarrijiet[26] kif ukoll fit-testimonjanza *viva voce* tal-imputati Anthony Xuereb u Gemmellaro, jissemma kif weġġa bniedem u ġiet ambulanza fuq il-post. L-imputat Robert Sciberras fix-xiehda *viva voce* ukoll jsemmi li kien hu li ċempel lill-imgħallem tiegħu biex jgħarrfu li kien weġġa bniedem fuq il-lant tax-xogħol fejn kien hu.

Għaldaqstant il-Qorti tista' biss tasal biex issib li Muscat ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa kif kontemplat bl-artikolu 226(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

Dak li jħalli lil Qorti perplessa u taħt sbalordiment totali hu l-fatt li l-prosekuzzjoni qatt ma xlit lil dawn l-imputati bir-reat kontemplat bl-artikolu 226 tal-Kodiċi kriminali u cioe dak ta' offiża involontarja fuq il-persuna iżda biss fuq ħsara involontarja.

Tenut kont li l-fatti tal-każ odjern jinkwadraw wriehom fl-Artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, magħdud mal-fatt li ma saritx kwerela minn xi terz mhux anqas minn l-imputat Joseph Schembri li lill-kumpanija tiegħu kien jappartjeni l-materjal li waqa minn fuq għall-isfel, l-għemil skandaluż ta' Robert Sciberras ma jistax jiġi sanzjonat u punit minn din il-Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, qed tillibera lill-imputati kollha minn kwalunkwe ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[26] Vide stqarrija ta' Anthony Xuereb li jgħid li fuq il-post wasslet ambulanza; Stqarrija ta' Gemmellaro meta jsemmi li kif waqa' l-materjal u ġie ferut bniedem.